Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

3 ta' Ġunju 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol – Direttiva 2000/78/KE – Artikolu 6(1) – Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 21 – Projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq l-età – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi limitu ta' età ta' 50 sena għall-aċċess għall-professjoni ta' nutar – Ġustifikazzjoni"

Fil-Kawża C-914/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Settembru 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Diċembru 2019, fil-proċedura

**Ministero della Giustizia**

vs

**GN,**

fil-preżenza ta':

**HM,**

**JL,**

**JJ,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Arabadjiev (Relatur), President tal-Awla, A. Kumin, T. von Danwitz, P. G. Xuereb u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal GN, minn A. Police, G. Schettino u F. Ferraro, avvocati,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn F. Varrone u G. Santini, avvocati dello Stato,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Hellmann u J. Möller, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Martin u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 10 TFUE, tal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") kif ukoll tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn il-Ministero della Giustizia (il-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Italja) u GN dwar l-iffissar, permezz tad-digriet tad-Direttur Ġenerali ta' dan il-ministeru tal-21 ta' April 2016 li jiftaħ kompetizzjoni fuq il-bażi ta' eżamijiet għall-għoti ta' 500 pożizzjoni ta' nutar, ta' limitu ta' età ta' 50 sena għall-parteċipazzjoni f'din il-kompetizzjoni.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessa 6 tad-Direttiva 2000/78 hija fformulata kif ġej:

"Il-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fondamentali tal-Ħaddiema tirrikonoxxi l-importanza li tiġi kumbattuta kull forma ta' diskriminazzjoni, kif ukoll il-bżonn li tittieħed azzjoni approprjata għall-integrazzjoni soċjali u ekonomika ta' nies anzjani u b'dizabilità."

4 Skont l-Artikolu 1 tagħha, "[l]-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tniżżel parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament".

5 L-Artikolu 2(1) u (2) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

“1. Għall-iskop ta’ din id-Direttiva, ‘il-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament’ għandu jfisser li m’għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1:

(a) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b’mod inqas favorevoli milli kienet tiġi trattata oħra f’sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1;

[…]”

6 L-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78 jispeċifika:

“Fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-Komunità, din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f’dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f’dak li jirrigwarda:

(a) il-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg, għal xogħol ta’ min jaħdem għal rasu u għal xogħol ieħor, inklużi l-kriterji ta’ għażla u l-kondizzjonijiet ta’ reklutaġġ, ikun xi jkun il-qasam ta’ attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali, inkluża l-promozzjoni;

[…]”

7 L-Artikolu 6 ta’ din id-direttiva, intitolat “Il-ġustifikazzjoni għal trattament differenti fuq bażi ta’ età”, jiddisponi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Minkejja l-Artikolu 2(2), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li trattament differenti fuq bażi ta’ età m’għandux jikkostitwixxi diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest tal-liġi nazzjonali, hu objettivament u raġonevolment iġġustifikat b’għan leġittimu, inkluża politika leġittima ta’ l-impjieg, tas-suq tax-xogħol u ta’ objettivi ta’ taħriġ professjonali, u jekk il-mezzi biex jintlaħqu dawk l-għanjiet ikunu approprjati u neċessarji.

Dan it-trattament differenti jista’ b’mod partikolari jinkludi:

(a) l-istabbiliment ta’ kondizzjonijiet speċjali għall-aċċess għall-impjieg u t-taħriġ professjonali, l-impjieg u x-xogħol, inkluzi l-kundizzjonijiet ta’ sensji u pagi, għaż-żgħażagħ, ħaddiema ta’ età, u persuni li jkollhom responsabbilitajiet li jieħdu ħsieb persuni oħra sabiex jippromwovu l-integrazzjoni professjonali tagħhom jew jiżguraw il-protezzjoni tagħhom;

(b) L-iffissar ta’ kondizzjonijiet minimi ta’ età, esperjenza professjonali jew anzjanità f’servizz għall-aċċess ta’ mpjieg jew għal ċerti vantaġġi marbuta ma’ l-impjieg;

(ċ) l-iffissar ta’ età massima għal reklutaġġ li tkun ibbażata fuq ħtiġiet ta’ formazzjoni tal-post inkwistjoni jew fuq il-ħtieġa ta’ perijodu raġjonevoli ta’ mpjieg qabel l-irtirar.”

*Id-dritt Taljan*

8 L-Artikolu 1 tal-legge n. 1365, Norme per il conferimento dei posti notarili (il-Liġi Nru 1365 dwar ir-Regoli għall-Għoti ta' Pożizzjonijiet ta' Nutar) tas-6 ta' Awwissu 1926 (GURI Nru 192 tad-19 ta' Awwissu 1926), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 1365/1926"), huwa fformulat kif ġej:

"In-nutara jinħatru permezz ta' digriet tal-President tar-Repubblika wara kompetizzjoni fuq il-bażi ta' eżamijiet, li tinżamm f'Ruma tal-inqas darba fis-sena, għan-numru ta' pożizzjonijiet li ser jiġi ddeterminat mill-Ministru għall-Ġustizzja.

[...]

Sabiex jiġu ammessi sabiex jipparteċipaw fil-kompetizzjoni, il-kandidati għandhom:

[...]

(b) ma jkunux laħqu l-età ta' 50 sena fid-data tal-avviż ta' kompetizzjoni;

[...]"

9 L-Artikolu 7 tal-Liġi Nru 1365/1926 jipprovdi:

"In-nutara fl-eżerċizzju għandhom jitneħħew mill-funzjonijiet tagħhom permezz ta' digriet tal-President tar-Repubblika malli jilħqu l-età ta' 75 sena."

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

10 Permezz ta' digriet tal-21 ta' April 2016, il-Ministeru għall-Ġustizzja nieda kompetizzjoni fuq il-bażi ta' eżamijiet intiża sabiex timtela' 500 pożizzjoni ta' nutar. Dan id-digriet stabbilixxa limitu ta' età ta' 50 sena sabiex persuna tkun tista' tipparteċipa f'din il-kompetizzjoni, konformement mal-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 1365/1926.

11 GN ikkontestat quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali għal-Lazio, l-Italja) l-imsemmi digriet li permezz tiegħu hija ġiet eskluża mill-eżamijiet bil-miktub minħabba li hija kienet laħqet l-età ta' 50 sena fid-data tal-avviż ta' kompetizzjoni.

12 Din il-qorti adottat miżura provviżorja, li permezz tagħha GN tħalliet fil-kompetizzjoni. Hija għaddiet mill-eżamijiet kollha tal-imsemmija kompetizzjoni.

13 Permezz ta' sentenza tat-28 ta' Novembru 2019, din l-istess qorti ddikjarat ir-rikors ta' GN inammissibbli għar-raġuni li, billi għaddiet mill-eżamijiet tal-kompetizzjoni inkwistjoni, hija kienet tilfet kull interess ġuridiku.

14 Il-Ministeru għall-Ġustizzja appella minn din is-sentenza quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), billi qies li t-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali għal-Lazio) kellha tiċħad fuq il-mertu r-rikors ippreżentat minn GN u li ma kellhiex tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li hija għaddiet mill-eżamijiet tal-kompetizzjoni inkwistjoni.

15 Il-qorti tar-rinviju tqis li t-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali għal-Lazio) kellha tiddikjara ammissibbli r-rikors ippreżentat minn GN kontra d-digriet tal-21 ta' April 2016 sa fejn dan jistabbilixxi limitu ta' età ta' 50 sena sabiex persuna tkun tista' tipparteċipa fil-kompetizzjoni ta' aċċess għall-professjoni ta' nutar. Barra minn hekk, hija tqis li dan il-limitu ta' età huwa konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ, jiġifieri l-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 1365/1926. Madankollu, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) jiddubita l-kompatibbiltà ta' din id-dispożizzjoni mad-Direttiva 2000/78, b'tali mod li għandha ssir domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja għall-finijiet tas-soluzzjoni tal-kawża mressqa quddiemu.

16 Skont dik il-qorti, tqum b'mod partikolari l-kwistjoni dwar jekk l-imsemmija dispożizzjoni tistax titqies li hija ġġustifikata fid-dawl tal-għanijiet invokati mill-Ministeru tal-Ġustizzja quddiemha, intiżi sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-eżerċizzju tal-professjoni ta' nutar għal perijodu sinjifikattiv mingħajr ma taffettwa l-bilanċ baġitarju tas-sistema ta' previdenza soċjali ta' din il-professjoni, billi tipprekludi lill-persuni qrib l-età tal-irtirar milli jaċċedu għaliha.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 21 tal-[Karta], l-Artikolu 10 TFEU u l-Artikolu 6 tad-Direttiva [2000/78/KE], sa fejn jipprojbixxu diskriminazzjoni bbażata fuq l-età għall-aċċess għall-impjieg, jipprekludu lil Stat Membru milli jkun jista' jimponi limitu ta' età għall-aċċess tal-professjoni ta' nutar?"

## Fuq id-domanda preliminari

18 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 21 tal-Karta u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi limitu ta' età ta' 50 sena sabiex persuna tkun tista' tipparteċipa fil-kompetizzjoni ta' aċċess għall-professjoni ta' nutar.

19 Qabelxejn, għandu jitfakkar li l-projbizzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata, b'mod partikolari, fuq l-età hija inkluża fl-Artikolu 21 tal-Karta u li din il-projbizzjoni ġiet ikkonkretizzata mid-Direttiva 2000/78 fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol (sentenza tas-7 ta' Frar 2019, Escribano Vindel, C-49/18, EU:C:2019:106, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, sabiex tingħata risposta għad-domanda magħmula, għandu, fl-ewwel lok, jiġi eżaminat jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 u tinkludix differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età. Fl-affermattiv, għandu jiġi vverifikat, fit-tieni lok, jekk din id-differenza fit-trattament tistax tiġi ġġustifikata fid-dawl tal-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva.

21 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kwistjoni dwar jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78, kemm mit-titolu u mill-preambolu kif ukoll mill-kontenut u mill-għan ta' din id-direttiva jsegwi li din hija intiża li tistabbilixxi kuntest ġenerali sabiex tiżgura lil kull persuna l-ugwaljanza fit-trattament "fl-impjieg u fix-xogħol", billi toffrilu protezzjoni effikaċi kontra d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq wieħed mill-motivi msemmija fl-Artikolu 1 tagħha, li fosthom hemm l-età (sentenza tat-13 ta' Novembru 2014, Vital Pérez, C-416/13, EU:C:2014:2371, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Barra minn hekk, b'mod partikolari mill-Artikolu 3(1)(a) tal-imsemmija direttiva jsegwi li din tapplika, fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni Ewropea, għall-persuni kollha kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi l-korpi pubbliċi, f'dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-impjieg, għal xogħol ta' min jaħdem għal rasu u għal xogħol ieħor, inklużi l-kriterji ta' għażla u l-kundizzjonijiet ta' reklutaġġ, ikun xi jkun il-qasam ta' attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali.

23 Issa, billi jipprevedi li huma biss il-kandidati li għandhom inqas minn 50 sena fid-data tal-avviż ta' kompetizzjoni li jistgħu jipparteċipaw fil-kompetizzjoni ta' aċċess għall-professjoni ta' nutar, l-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 1365/1926 jaffettwa l-kundizzjonijiet ta' reklutaġġ f'dan il-kuntest ta' impjieg. Għalhekk, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tiġi kkunsidrata bħala li tistabbilixxi regoli dwar il-kundizzjonijiet ta' reklutaġġ, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/78.

24 F'dawn il-kundizzjonijiet, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78.

25 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistabbilixxix differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età, fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2000/78, għandu jitfakkar li, skont din id-dispożizzjoni, "il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament" ifisser l-assenza ta' kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta, ibbażata fuq waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-direttiva. L-Artikolu 2(2)(a) tagħha jippreċiża li, għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu 2, ikun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli minn oħra li tinsab f'sitwazzjoni paragunabbli, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva (sentenza tat-12 ta' Jannar 2010, Wolf, C-229/08, EU:C:2010:3, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 F'dan il-każ, l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 1365/1926 għandha bħala konsegwenza li ċerti persuni jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn persuni oħrajn li jinsabu f'sitwazzjonijiet paragunabbli għar-raġuni li jkunu laħqu l-età ta' 50 sena. Għalhekk, tali dispożizzjoni tinkludi differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età, fis-sens tad-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78.

27 Minn dan isegwi li, fit-tielet lok, għandu jiġi eżaminat jekk din id-differenza fit-trattament hijiex iġġustifikata jew le fid-dawl tal-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva.

28 Għandu jiġi rrilevat li l-ewwel paragrafu ta' din id-dispożizzjoni jistipula li differenza fit-trattament abbażi tal-età ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni meta, fil-kuntest tad-dritt nazzjonali, hija oġġettivament u raġonevolment iġġustifikata b'għan leġittimu, b'mod partikolari b'għanijiet leġittimi ta' politika tal-impjieg, tas-suq tax-xogħol u tat-taħriġ professjonali, u li l-mezzi biex jintlaħaq dan l-għan huma xierqa u neċessarji.

29 Il-punti (a) u (ċ) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 jippreċiża wkoll li dawn id-differenzi fit-trattament jistgħu b'mod partikolari jinkludu, minn naħa, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċjali ta' aċċess għall-impjieg għaż-żgħażagħ, sabiex tiġi promossa l-integrazzjoni professjonali tagħhom, jew, min-naħa l-oħra, l-iffissar ta' età massima għar-reklutaġġ, ibbażata fuq it-taħriġ meħtieġ għall-pożizzjoni kkonċernata jew fuq il-ħtieġa ta' perijodu ta' impjieg raġonevoli qabel l-irtirar.

30 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fl-għażla mhux biss tat-tfittxija ta' għan partikolari fost għanijiet oħra fil-qasam tal-politika soċjali u tal-impjieg, iżda wkoll fid-definizzjoni tal-miżuri li kapaċi jilħquh. Madankollu, dan il-marġni ta' diskrezzjoni ma jistax ikollu l-effett li jneħħi s-sinjifikat tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età (sentenza tat-12 ta' Ottubru 2010, Ingeniørforeningen i Danmark, C-499/08, EU:C:2010:600, punt 33).

31 F'dan il-każ, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jsegwi li l-Liġi Nru 1365/1926 ma tippreċiżax l-għan li hija intiża għalih fl-Artikolu 1 tagħha, li jistabbilixxi limitu ta' età ta' 50 sena sabiex persuna tkun tista' tipparteċipa fil-kompetizzjoni ta' aċċess għall-professjoni ta' nutar. Il-Gvern Taljan isostni, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tfittex tliet għanijiet, jiġifieri, qabel kollox, il-garanzija tal-istabbiltà tal-eżerċizzju tal-professjoni ta' nutar għal perijodu sinjifikattiv qabel l-irtirar, b'mod li tiġi ppreżervata l-vijabbiltà tas-sistema ta' previdenza soċjali, sussegwentement, in-neċessità li jiġi protett il-funzjonament tajjeb tal-prerogattivi nutarili, peress li dawn huma kkaratterizzati minn livell għoli ta' professjonaliżmu u, fl-aħħar nett, il-faċilitazzjoni tat-tiġdid ġenerazzjonali u t-tiġdid ta' din il-professjoni.

32 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, qabelxejn, li mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 ma jistax jiġi inferit li assenza ta' preċiżjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fir-rigward tal-għan imfittex ikollha bħala effett li jiġi eskluż awtomatikament li din tkun tista' tkun iġġustifikata taħt din id-dispożizzjoni. Fin-nuqqas ta' tali preċiżazzjoni, huwa importanti li elementi oħra misluta mill-kuntest ġenerali tal-miżura kkonċernata jippermettu l-identifikazzjoni tal-għan li fuqu tkun ibbażata din tal-aħħar għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju fir-rigward tal-leġittimità tagħha u fir-rigward tan-natura xierqa u neċessarja tal-mezzi implimentati sabiex jintlaħaq dan l-għan (sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Fuchs u Köhler, C-159/10 u C-160/10, EU:C:2011:508, punt 39). Barra minn hekk, l-invokazzjoni simultanja ta' diversi għanijiet, li jew huma marbutin waħda mal-oħra jew huma kklassifikati b'ordni ta' importanza, ma tikkostitwixxix ostakolu għall-eżistenza ta' għan leġittimu, fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 (sentenza tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi, C-670/18, EU:C:2020:272, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-għan li tiġi żgurata l-istabbiltà tal-eżerċizzju tal-professjoni ta' nutar għal perijodu sinjifikattiv qabel l-irtirar, b'mod li tiġi ppreżervata l-vijabbiltà tas-sistema ta' previdenza soċjali, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 6(1)(ċ) jippermetti l-iffissar ta' età massima għar-reklutaġġ, ibbażata fuq in-neċessità ta' perijodu ta' impjieg raġonevoli qabel l-irtirar. Issa, fir-rigward tal-preżervazzjoni tas-sistema ta' previdenza soċjali tan-nutara, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jsegwi li, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament dwar l-attività ta' previdenza soċjali u ta' solidarjetà tal-Cassa Nazionale del Notariato (il-Fond Nazzjonali tan-Nutara, l-Italja) li jamministra din is-sistema, id-dritt għall-ħlas ta' pensjoni għan-nutara li jieqfu mill-attività tagħhom fl-età limitu awtorizzata sabiex jeżerċitaw din il-professjoni, jiġifieri 75 sena skont l-Artikolu 7 tal-Liġi Nru 1365/1926, huwa suġġett għall-fatt li jkunu eżerċitaw din l-attività għal 20 sena. Kif irrilevat il-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, id-dritt għal pensjoni li jibbenefikaw minnu n-nutara, skont dan ir-regolament, ma jidhirx li huwa relatat mal-limitu fl-età ta' 50 sena stabbilit mill-Artikolu 1 tal-imsemmija liġi għall-ammissjoni għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni ta' aċċess, iżda jidher li huwa marbut ma' tul minimu ta' eżerċizzju tal-professjoni. Il-kundizzjonijiet imposti mill-imsemmi fond sabiex tiġi ppreżervata l-vijabbiltà tas-sistema ta' previdenza soċjali tan-nutara jidhru għalhekk indipendenti minn dan il-limitu tal-età, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

34 Għal dak li jirrigwarda, it-tieni, in-neċessità li jiġi protett il-funzjonament tajjeb tal-prerogattivi nutarili, peress li dawn huma kkaratterizzati minn livell għoli ta' professjonaliżmu, għandu jiġi rrilevat li, ċertament, l-Artikolu 6(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78 jippermetti l-iffissar ta' età massima għar-reklutaġġ, ibbażata fuq it-taħriġ meħtieġ għall-pożizzjoni kkonċernata.

35 Madankollu, il-Kummissjoni enfasizzat, f'dan ir-rigward, li, konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-kandidat għall-kompetizzjoni ta' nutara għandu jkollu diploma fid-dritt u għandu juri prattika nutarili ta' 18-il xahar, li sservi bħala strument ordinarju ta' bidu għall-professjoni ta' nutar, peress li l-kandidati kollha li għaddew mill-kompetizzjoni ta' nutara jitqiesu li huma adegwati sabiex jeżerċitaw il-professjoni ta' nutar wara li jkunu wettqu perijodu ta' prova obbligatorju ta' 120 jum. Minn dan isegwi, bla ħsara għal verifika f'dan ir-rigward mill-qorti tar-rinviju, li l-limitu ta' età ta' 50 sena stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 1365/1926 ma jidhirx li huwa intiż għall-għan imsemmi fil-punt preċedenti.

36 It-tielet, fir-rigward tal-għan li jikkonsisti f'li jiġi ffaċilitat it-tiġdid ġenerazzjonali kif ukoll it-tiġdid tal-professjoni ta' nutar, għandu jitfakkar li l-leġittimità ta' tali għan ta' interess ġenerali fid-dawl tal-politika tal-impjieg ma tistax titqiegħed raġonevolament fid-dubju, peress li jidher fost l-għanijiet espressament stipulati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 u li, konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) TUE, il-promozzjoni ta' livell ta' impjieg għoli tikkostitwixxi wieħed mill-għanijiet imfittxija mill-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi, C-670/18, EU:C:2020:272, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-promozzjoni tar-reklutaġġ tikkostitwixxi, b'mod li ma jistax jiġi kkontestat, għan leġittimu tal-politika soċjali jew tal-impjieg tal-Istati Membri, b'mod partikolari meta tiffavorixxi l-aċċess taż-żgħażagħ għall-eżerċizzju ta' professjoni (sentenza tad-19 ta' Lulju 2017, Abercrombie & Fitch Italia, C-143/16, EU:C:2017:566, punt 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

38 B'mod iktar partikolari, l-għan li jikkonsisti f'li tiġi stabbilita struttura ta' età bbilanċjata bejn impjegati żgħażagħ u impjegati iktar anzjani sabiex jiġu ffavoriti r-reklutaġġ u l-promozzjoni ta' persuni żgħażagħ, sabiex tittejjeb kemm jista' jkun il-ġestjoni tal-persunal u fl-istess ħin sabiex jiġi evitat it-tilwim eventwali dwar il-kapaċità tal-impjegat li jeżerċita l-attività tiegħu lil hinn minn ċerta età, u dan filwaqt li l-intenzjoni tkun li jiġi offrut servizz ta' kwalità fil-qasam notarili, jista' jikkostitwixxi għan leġittimu tal-politika tal-impjieg u tas-suq tax-xogħol (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Fuchs u Köhler, C-159/10 u C-160/10, EU:C:2011:508, punt 50).

39 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 7 tal-Liġi Nru 1365/1926, nutar jista' jeżerċita l-attività tiegħu sal-età ta' 75 sena. Barra minn hekk, il-Gvern Taljan ma semmiex elementi intiżi sabiex jindikaw li d-diversi gruppi ta' età jistgħu, fis-suq tax-xogħol speċifiku għall-attivitajiet nutarili, jikkompetu bejniethom. Għall-kuntrarju, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jsegwi li, fil-kuntest tal-kompetizzjoni ta' nutar inkwistjoni fil-kawża prinċipali, 419 kandidat biss ġew ammessi wara l-eżamijiet ta' din il-kompetizzjoni, filwaqt li kienu disponibbli 500 post ta' nutar li kienu rriżervati, konformement mal-Artikolu 1 ta' din il-liġi, għal persuni ta' inqas minn 50 sena. Il-limitu ta' età stabbilit f'dan l-artikolu għalhekk ma jidhirx, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, intiż sabiex jippromwovi l-aċċess tal-ġuristi żgħażagħ għall-professjoni ta' nutar.

40 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-elementi msemmija fil-punti 33 sa 39 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm l-għanijiet li tiġi żgurata l-istabbiltà tal-eżerċizzju tal-professjoni ta' nutar għal perijodu sinjifikattiv qabel l-irtirar, li jiġi protett il-funzjonament tajjeb tal-prerogattivi nutarili u li jiġi ffaċilitat it-tiġdid ġenerazzjonali kif ukoll it-tiġdid ta' din il-professjoni, li jirreferi għalihom il-Gvern Taljan, jistgħu jitqiesu bħala għanijiet leġittimi fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78, id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tidhirx li tfittex tali għanijiet, fatt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

41 Fl-ipoteżi fejn din il-qorti tikkonkludi, madankollu, li din id-dispożizzjoni tfittex dawn l-għanijiet, jeħtieġ ukoll, skont il-kliem stess tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78, li l-mezzi implimentati sabiex jintlaħqu l-imsemmija għanijiet ikunu "approprjati u neċessarji".

42 Għalhekk, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 1365/1926 jippermettix li jintlaħqu dawn l-istess għanijiet mingħajr madankollu ma jippreġudika eċċessivament l-interessi leġittimi tal-kandidati għall-professjoni ta' nutar ta' età ta' 50 sena jew iktar, li jinsabu, permezz ta' din id-dispożizzjoni, imċaħħda mill-possibbiltà li jeżerċitaw din il-professjoni.

43 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li huma l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li għandhom isibu bilanċ ġust bejn id-diversi interessi involuti (sentenza tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi, C-670/18, EU:C:2020:272, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Fil-fatt, il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, imsemmija fl-Artikolu 21(1) tal-Karta, għandha tinqara fid-dawl tad-dritt għax-xogħol irrikonoxxut fl-Artikolu 15(1) tagħha. Minn dan jirriżulta li għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema anzjani fil-ħajja professjonali u, għalhekk, fil-ħajja ekonomika, kulturali u soċjali. Iż-żamma ta' dawn il-persuni fil-ħajja attiva tiffavorixxi b'mod partikolari d-diversità fl-impjieg. Madankollu, l-interess li l-imsemmija persuni jinżammu attivi għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-osservanza ta' interessi oħra eventwalment diverġenti (sentenza tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi, C-670/18, EU:C:2020:272, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Issa, huwa biżżejjed li jitfakkar, fir-rigward tal-ewwel għan invokat mill-Gvern Taljan, li, kif diġà ġie indikat fil-punt 33 ta' din is-sentenza, id-dritt għall-ħlas tal-pensjonijiet ta' rtirar tan-nutara li jieqfu milli jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom meta jkunu laħqu l-età limitu ta' 75 sena awtorizzata għall-eżerċizzju ta' din il-professjoni huwa suġġett għall-fatt li jkunu eżerċitaw din il-professjoni għal mill-inqas 20 sena.

46 Għaldaqstant, l-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 1365/1926, billi jiffissa l-limitu tal-età għall-aċċess għall-professjoni ta' nutar għal 50 sena mingħajr kunsiderazzjoni għal dan il-perijodu minimu ta' attività sabiex persuna tkun tista' titlob il-ħlas tal-pensjoni tal-irtirar meta n-nutar ikun laħaq din l-età limitu ta' 75 sena, jidher li jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-eżerċizzju tal-professjoni ta' nutar għal perijodu sinjifikattiv, b'mod li tiġi ppreżervata l-vijabbiltà tas-sistema ta' previdenza soċjali.

47 Fir-rigward tat-tieni għan imqajjem mill-Gvern Taljan, kif ġie rrilevat fil-punt 34 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 6(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78 jippermetti l-iffissar ta' età massima għar-reklutaġġ fir-rigward tat-taħriġ meħtieġ għall-pożizzjoni kkonċernata. Issa, kif ġie enfasizzat fil-punt 35 ta' din is-sentenza, peress li dan it-taħriġ huwa limitat, għall-kandidati li għaddew mill-kompetizzjoni ta' nutar, għal perijodu ta' prova obbligatorju ta' 120 jum filwaqt li dawn

tal-aħħar ikunu jistgħu jeżerċitaw l-attività tagħhom sal-età ta' 75 sena, il-fatt li tiġi rriżervata l-parteċipazzjoni f'din il-kompetizzjoni għall-kandidati ta' età ta' inqas minn 50 sena jidher li jaqbeż dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi żgurat it-taħriġ meħtieġ għal din l-attività.

48 Fir-rigward tat-tielet għan, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, f'dan il-każ, il-leġiżlatur nazzjonali, fl-eżerċizzju tal-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' li għandu fil-qasam tal-politika soċjali u tal-impjieg, sabx bilanċ ġust bejn l-għan li jiffaċilita t-tiġdid ġenerazzjonali kif ukoll it-tiġdid tal-professjoni ta' nutar man-neċessità li tiġi pprezervata l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema iktar anzjani fil-ħajja professjonali, peress li dawn il-ħaddiema huma iktar vulnerabbli minħabba din il-karatteristika. Barra minn hekk, kif tiddikjara l-premessa 6 tad-Direttiva 2000/78, il-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema, adottata f'laqgħa tal-Kunsill Ewropew li nżammet fi Strasbourg fid-9 ta' Diċembru 1989, tirrikonoxxi l-ħtieġa li jittieħdu miżuri xierqa favur l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tal-persuni anzjani.

49 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-istabbiliment ta' limitu ta' età ta' 50 sena għall-ammissjoni fil-kompetizzjoni sabiex persuna taċċedi għall-professjoni ta' nutar għandu l-konsegwenza li jżid id-disponibbiltà ta' pożizzjonijiet li jistgħu jiġu okkupati minn kandidati żgħażagħ u għalhekk jista' jikkostitwixxi mezz xieraq sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi ffaċilitat it-tiġdid ġenerazzjonali u t-tiġdid ta' din il-professjoni, sakemm, madankollu, tali miżura ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan u ma tippreġudikax eċċessivament l-interessi tal-persuni kkonċernati. Hija l-qorti nazzjonali li għandha, f'dan il-kuntest, mhux biss tieħu inkunsiderazzjoni l-kapaċità ta' dawn il-persuni sabiex jeżerċitaw din il-professjoni, iżda wkoll li tieħu inkunsiderazzjoni l-preġudizzju li din il-miżura tista' tikkawża lill-persuni kkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-286/12, EU:C:2012:687, punt 66).

50 F'dan il-każ, minn naħa, ma ġiex allegat li l-istabbiliment ta' limitu ta' età ta' 50 sena għall-ammissjoni għal din il-kompetizzjoni huwa ġġustifikat mill-kapaċità ta' dawn il-kandidati li jeżerċitaw din il-professjoni. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punt 39 ta' din is-sentenza, fil-kuntest tal-kompetizzjoni ta' nutar inkwistjoni fil-kawża prinċipali, numru mhux negliġibbli ta' pożizzjonijiet ma mteliex u, għaldaqstant, kandidati żgħażagħ ma kellhomx aċċess għall-professjoni nutarili u kandidati li laħqu l-età ta' 50 sena ġew imċaħħda mill-possibbiltà li jinvokaw il-kompetenzi tagħhom billi jipparteċipaw f' din il-kompetizzjoni, b'tali mod li l-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 1365/1926, billi jistabbilixxi dan il-limitu ta' età, jidher li jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi ffaċilitat it-tiġdid ġenerazzjonali u t-tiġdid ta' din il-professjoni.

51 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 21 tal-Karta u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi limitu ta' età ta' 50 sena sabiex persuna tkun tista' tipparteċipa fil-kompetizzjoni għal aċċess għall-professjoni ta' nutar, sa fejn tali leġiżlazzjoni ma tidhirx li ssegwi l-għanijiet li tiġi żgurata l-istabbiltà tal-eżerċizzju ta' din il-professjoni għal perijodu sinjifikattiv qabel l-irtirar, li jiġi protett il-funzjonament tajjeb tal-prerogattivi nutarili u li jiġi ffaċilitat it-tiġdid ġenerazzjonali kif ukoll it-tiġdid tal-imsemmija professjoni u, fi kwalunkwe każ, taqbeż dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, fatt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

**Fuq l-ispejjeż**

52 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi limitu ta' età ta' 50 sena sabiex persuna tkun tista' tipparteċipa fil-kompetizzjoni għal aċċess għall-professjoni ta' nutar, sa fejn tali leġiżlazzjoni ma tidhirx li ssegwi l-għanijiet li tiġi żgurata l-istabbiltà tal-eżerċizzju ta' din il-professjoni għal perijodu sinjifikattiv qabel l-irtirar, li jiġi protett il-funzjonament tajjeb tal-prerogattivi nutarili u li jiġi ffaċilitat it-tiġdid ġenerazzjonali kif ukoll it-tiġdid tal-imsemmija professjoni u, fi kwalunkwe każ, taqbeż dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, fatt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.**

Firem